
unifaun
THEATRE
PRODUCTIONS
IL-MITT FEHMA
TAL-KAVALLIER
JOHN GIORDIMAINA
O.S.C.I.

# DETTALJI TEKNICI

## Kast

| | |
|---|---|
| **Mikhail Basmadjian** | Il-Kavallier John Giordimaina O.S.C.I |
| **Anthony Ellul** | In-Nutar Harry Demajo |
| **Simon Curmi** | Lorry Theuma |
| **Andrè Mangion** | Dun Salv / Mario (ħabib tal-Kavallier) / Tony |
| **Mary Rose Mallia** | Lina |
| **Christine Francalanza** | Ħabiba ta' Lina |
| **Graziella Galea** | Waitress / Elaine |
| **Trevor Żahra** | hu nnifsu |

## Krew

| | |
|---|---|
| Kittieb | Trevor Żahra |
| Produzzjoni | Adrian Buckle, Sarah Buckle |
| Reġija | Josette Ciappara |
| Stage Management | David Micallef |
| Technical Management | Stefan Scerri |
| Front of House | Josette Gatesy Lewis |
| Backstage | Rachel Zammit, Alexander Gatesy Lewis, Nicholas Scicluna |
| ASM | Elaine Bugeja |
| Make Up | Jackie Grima |
| Kostumi | Doreen Gauci |
| Disinn tas-Sett | Romualdo Moretti |
| Disinn Grafiku | Mikhail Basmadjian |
| Fotografija | Jacob Sammut |

## Ħajr

*Trevor Żahra, Sarah Buckle, Stefan Scerri, David Micallef, Kate Decesare, Saviour Balzan, Roger Degiorgio, Tedor Reljic, Jennifer Grech, Ramona Depares, Veronica Stivala, Frederick Zammit, Ray Pace, Joseph Galea, Chris Gruppetta, il-familji tagħna u l-istaff tas-Sala Sir Temi Zammit.*

## Għal Unifaun Foundation

| | |
|---|---|
| Direttur Artistiku | Adrian Buckle |
| Amministrazjoni | Chris Gatt |
| Teżorier | Sarah Buckle |
| Stage Management | David Micallef |
| Technical Management | Stefan Scerri |
| Disinn Grafiku | Mikhail Basmadjian |
| Konsulent Internazzjonali | Dave Barton |
| Membri | André Agius, Pia Zammit |

## Rappreżentazzjonijiet

*18, 19, 24, 25, 26 ta' Marzu 2017 fis-Sala Sir Temi Zammit, Universita' ta' Malta, Tal-Qroqq*

*Ir-Rappreżentazzjoni ddum sagħtejn u kwart, inkluż intervall ta' nofs siegħa.*

# NOTA TAD-DIRETTUR

## Josette Ciappara



*Trevor Zahra u x xogħlijiet tiegħu illum saru sinonimi mhux biss mal- letteratura Maltija iżda wkoll mal- palk Malti. L- ispirazzjoni ta' din il-produzzjoni hi l- karattru ewlieni tal- Kavallier John Giordmaina li nsibu fil- ktieb BIZZILLA, u tan- nies li hu mdawwar bihom. Kollha huma karattri ħajjin li ssibhom kuljum fi sferi differenti tal- ħajja. Kollha kemm huma bit- timbru tagħhom, jgħixu realta' li għalihom hi il- verita'. L-aktar il- Kavallier li jlissen opinjonijet b' perswazzjoni. Din kienet propju l- isfida f' dan ix- xogħol teatrali, li nwasslu lil dawn il-karattri b'mod mill- aktar naturali ukoll jekk kultant xi ftit akbar mir- realta' tagħna. Nittama li l- esperjenza tagħkom il- lejla tkun pjacevoli daqs kemm kienet dik tagħna f'dawn l- aħħar ġimgħat!*

B'karriera mifruxa fl-oqsma tal-palk, televixin u edukazzjoni Josette Ciappara ilha taħdem bis-sħiħ għal dawn l-aħħar 40 sena. Kienet mal-ewwel grupp ta' studenti tal-MTADA fl-1978. Studjat fil-Conservatoire Superieur d'Art Dramatique f'Pariġi u Royal Shakespeare Company fi Stratford-Upon-Avon. Ħadmet ir-rwol  prinċipali f'Phaedre, Antigone, Macbeth, Hedda Gabler , The Good Person of Szechwan, The Birthday Party, fost oħrajn . Għal iktar minn 15 -il sena għamlet parti mid-Drama Unit fejn ħadmet f'ħafna programmi edukattivi. Kienet il-Principal tad-Drama Centre għal 5 snin. Idderiġiet diversi drammi u kummiedji teatrali fosthom l' Inferno, Andrelisa, It- Tfajla tal- Palazz, L- Infern ma Jistax Jistenna, Il- Festa bil- Bandieri, Ġovann il- Kavallier, Is-Sultan tal - Ħafjin, Il - Jien u Lil Hinn Minnu,Il- Kennies tal-Ġenna, Marjelena, Faith Hope and Charity, Ħekuba,Teatru Edukattiv u xogħol televiziv.  Organizzat festivals fuq livell nazzjonali u barrani.

# Għoġbok id-dramm?

## Aqra l-ktieb bil-fehmiet kollha tal-Kavallier Giordimaina




www.merlinpublishers.com

merlin

## NOTA TAL-KITTIEB

**Trevor Żahra**



# *Minn monologi għal dramm*

*Fl-2013 ippubblikajt il-ktieb Bizzilla, li fih ħloqt il-karattru notorju tal-Kavallier John Giordimaina O.S.C.I. Dan il-ktieb jippreżenta sensiela ta' monologi jew taħditiet, li dan il-kavallier ta' żmienna ddeċieda li jaqsam magħna. Irċevejt diversi kummenti dwar l-ideat "strambi" ta' ħabibi l-Kavallier u ħadt gost ninnota li ħafna qarrejja qaluli l-istess ħaġa:*

*"Xi drabi tħossok taqbel mija fil-mija ma' dak li jkun qed jgħid, għax l-ideat tiegħu jkunu għaddew kemm-il darba minn moħħok. Iżda mbagħad, f'daqqa waħda, joħroġlok b'xi ħmerija u ttellfek kull fiduċja li tkun qed trabbi fih!"*

*Għax, għandkom tkunu tafu li dan il-kavallier jifhem f'kollox. Għandu opinjoni fuq kollox. Dejjem jistqarr kemm hu tolleranti, iżda ara ma jfettillekx tmerih. Jiftaħar bid-doni kollha li tah il-Mulej, anki bl-umiltá abbundanti li għandu. M'għandux ħajta fi lsienu. Jemmen f'Alla u fil-qaddisin kollha ... tant li lest jagħti pariri anki lill-Vatikan. Insomma ... iftħu liema stazzjoni tar-radju tridu, jew tat-TV, u għandkom tiltaqgħu ma' mijiet ta' Kavallieri Giordimaini!*

*Ma domtx ma twebbilt nadatta Bizzilla għall-palk, iżda xejn ma sibtha faċli niddramatizza sensiela ta' monologi. Imma bl-ixprunar ta' Adrian Buckle u l-għajnuna ta' Josette Ciappara, il-Kavallier beda jikseb vuċi usa'. L-akbar problema kienet li jiena, bħala l-awtur (dak li għen lill-Kavallier biex jippubblika l-ktieb famuż tiegħu!!!) se jkolli nieħu sehem f'dan id-dramm ... bħala jiena stess. U għalhekk irrid ninqeda b'dawn il-kelmtejn biex nilqa' ruħi minn qabel. Jiena m'għandi l-ebda pretensjonijiet ta' attur ... aktar u aktar issa li sibt ruħi ma' grupp ta' atturi bravi u ta' esperjenza.*

*Imma mid-dehra, se jkolli nagħmel bħalma jagħmel dejjem il-Kavallier.*




Kitba ta' Ovidju

Addattament minn Adrian Buckle & Trevor Zahra

Direzzjoni ta' Stephen Oliver & Dominic Said    Koreografija ta' Sandra Mifsud & Doug Comley

Muzika originali ta' Francesco Sultana & Mario Sammut

Disinn ta' Romualdo Moretti & Anthony Catania

Jiehdu sehem Jamie Cardona, Magda van Kuilenburg, Sarah Amato, Clayton Mallia,
Michela Farrugia, Lydia Portelli, Julia Ann Camilleri, Stephen Mintoff,
Karl Schembri, Ryan Cutajar, Clint Chircop

Dati 4, 5, 6 Lulju 2017

Parti mill-Malta Arts Festival


unifaun THEATRE PRODUCTIONS
CONFESSIONS OF A
DYING ATHEIST
a play by Adrian Buckle
OCTOBER 2017

## MIKHAIL BASMADJIAN



Mikhail ilu jirreċta għal dawn l-aħħar 27 sena. Produżżjonijiet recenti inkludew 'Lampedusa' ta' Anders Lutsgarten, 'the Lockerbie Bomber' ta' Kenneth Ross, 'Oleanna' u 'Speed the Plough' ta' David Mamet, 'A Number' ta' Caryl Churchill, 'Fatboy' ta' John Clancy, 'I never sang for my Father' ta' Robert Anderson, Fallstaff f' Merry Wives of Windsor, Romeo f' 'Romeo and Juliet'(ilbieraħ!) u Deely 'Old Times' ta' Harold Pinter. Partijiet muzikali inkludew Bill Calhoun f' 'Kiss me Kate', Bobby f' 'Company' ta' Stephen Sondheim's, u Lazar Wolf f' 'Fiddler on the Roof'. Mikhail ħa sehem f'diversi sensiliet fuq it-televisioni, fost oħrajn f' Angli, Simpatiċi, Tlieta Kontra Tlieta, Delitti Maltin, Il-Pesta, u Għaddi l-Bieb Miftuh. Mikhail iħobb jivjaġġa, it-tisjir, idoqq il-pjanu u-saxafun, jipprattika is-scuba diving u jieħu ritratti kemm fuq l-art, kemm taħt il-baħar. Ħafna jistqarru li l-qarnita tiegħu hija l-aħjar f'Malta!



## TREVOR ZAHRA

Ħafna minna ltaqgħu ma' Trevor Żahra meta, fi tfulitna qrajna l-kotba ta' avventura li ppubblika matul is-snin sebgħin : Il-Pulena tad-Deheb, L-Għar tax-Xelter, Meta Jaqa' ċ-Ċpar ... eċċ ... kif ukoll il-ħrejjef popolari Il-Praspar ta' Kunċett u Marinton. Iżda fl-istess żmien li kien qed jikteb dawn il-kotba għat-tfal, Żahra kien qed jikteb ukoll rumanzi għall-kbar: Is-Surmast, Taħt il-Weraq tal-Palm, (li bih kien rebaħ l-ewwel premju f'konkors nazzjonali tar-rumanzi fl-1974) Ħdejn in-Nixxiegħa, Ħmistax-il Numru, kif ukoll il-ġabra ta' novelli It-Tmin Kontinent ippublikata fl-1981. Minn dak iż-żmien 'l hawn hawn, Żahra kompla jikteb, jillustra u jippubblika regolarment kotba għat-tfal: stejjer, poeżiji, picture books u kotba għat-tagħlim tal-Malti; waqt li għall-kbar ippubblika kotba ta' novell, rumanzi, awtobijografija u poeżiji satiriċi. Ir-rumanzett tiegħu Il-Ħajja Sigrieta tal-Nanna Genoveffa ġie ppubblikat bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bin-Norveġiż, u ttella' fuq il-palk tat-Teatru tal-Università fl -2013. Żahra rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 18-il darba u l-kotba tiegħu, bejn kotba ċkejknin għat-tfal, traduzzjonijiet u kotba għall-kbar, ilaħħqu mal-mija u tletin. Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947 u joqgħod Wied il-Għajn.

## ANTHONY ELLUL



Wara li Anthony spiċċa l-kors tad-drama fl-MTADA fl-1982 huwa ingħaqad mal-kumpanija teatrali Actors' Studio Tigne fejn ħa sehem fil-produzzjonijiet ta' Caligula, The Maids, Summit Conference u The Jew of Malta. Fost il-partijiet ewlenin li ħadem insemmu Andri f'Andorra, Biff fid-dramm Death of a Salesman, Otello fid-dramm Otello ta' Shakespeare u Petruchio f'The Taming of the Shrew. Fl-1998 huwa waqqaf il-kumpanija teatrali TeatruMenz u ħadem il-parti ta' Randall McMurphy f'One Flew Over the Cuckoo's Nest, Mephisto fid-dramm Faust ta' Goethe, Jake La Motta f'Raging Bull, Matt Poncelet f'Dead Man Walking u Caligula fid-dramm Caligula ta' Albert Camus. Fuq it-televiżjoni ħadem f'diversi produzzjonijiet – Gakbu f'Wirt, Tony fi Tlieta kontra Tlieta, Luigi f' Giselle, Brian fi Grammi u issa In-Nicca f'Division 7. Fl-2008 huwa rebaħ il-premju bħala l-aħjar attur f'parti prinċipali fil-Malta Television Awards għar-rwol f' Ġiselle. Anthony idderieġa ukoll diversi produzzjonijiet teatrali. Fix-xena tal-films ħadem il-parti ewlenija fil-film lokali Pawlu ta' Tarsu u fil-produzzjonijiet barranin ta' Julius Caesar, Agora u I fantasmi di Portopalo

## SIMON CURMI

Simon ilu involut fit-teatru mill-1981, meta ħa taħriġ fl-MTADA u wara ingħaqad ma' Actor's Studio, fejn ħa esperjenza fir-reċtar, vuċi, disinn tal palk u direzzjoni. Ħadem ma diversi kumpaniji ewlenin kemm bħala attur u direttur, fi produzzjonijiet li jvarjaw bejn musicals, operetti, pantos, klassiċi, kontemporanji, eċċ...



Fl-1992 kellu esperjenza wkoll jaħdem f'Londra, xogħol li nkluda taħriġ ma' għalliema barranin. Għal dawn l-aħħar għoxrin sena għallem diversi studenti ta' kull eta' fir-reċtar, vuċi u improviżazzjoni. Ħadem ukoll fuq ir-radju u televiżjoni, kemm bħala attur, kemm bħala direttur.

## GRAZIELLA GALEA



Graziella Galea temmet il-kors fiċ-Ċentru tad-Drama fl-2004 u fost l-oħrajn tħarrġet taħt Josette Ciappara, Marcelle Teuma u Karmenu Aquilina. Bħala għalliema fl-iskejjel tal-istat, Graziella ħadmet mill-qrib mal-istudenti fi produzzjonijiet tal-iskejjel u ħeġġet fit-tfal il-ġibda lejn it-teatru. Hija tispeċjalizza fil-monologi u fil-produzzjoni animata ta' xogħlijiet letterarji. Fl-2011, flimkien ma' Joseph Galea, hija ħadmet fil-produzzjoni Storja Vittorja: animazzjoni tal-poeżiji satiriċi ta' Trevor Żahra, mill-ktieb tiegħu: Mota f'Ġieħ Kemm Hemm. Fl-2013 ħadmet fil-Hajja Sigrieta tan-Nanna Genoveffa u fl-2015 fid-Dramm Tnemmis: sett ta monologi li ttellgħu għall-Evenings on Campus, it-tnejn xogħol tal-awtur Trevor Żahra.

## CHRISTINE FRANCALANZA



Christine Francalanza gradwat miċ-Ċentru tad-Drama ta' Malta f'Lulju 2006, wara kors intensiv ta' tliet snin. Wara ssoktat l-istudji tagħha biex setgħet takkwista il-LAMDA Diploma in Dramatic Arts (LDDA).
Christine ħadet sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali f'Malta bħal Valerjana, The Rose Tattoo u L-Għanja taċ-Ċinju fit-Teatru Manoel; produzzjonijiet mużikali bħal Salad days, Cardboard City, Thank you for the music u Disney Retuned, u anke Commedia del arte fil-produzzjoni Il-Mistura taż-żgħożija għal Arlekkinu. Riċentament Christine għamlet ukoll parti mit-truppa 'B'tal-linja jaqbillek żgur'; produzzjoni innovattiva fejn l-atturi jivvjaġġaw b'tal-linja l-antika biex iżuru rħula Maltin. Hi ħadet sehem fi produzzjonijiet barra minn xtutna ġewwa festival tad-drama fit-Tuneżija bil-klassika Griega ta' Ewripide-Il-Feniċi, fl-Awstrija bil-produzzjoni Ġaħan-The Town Idiot, f'Sirakuza bi klassika Griega oħra Il-Bakkanti u riċentament fi Frankfurt il-Ġermanja fejn reġgħet ittellgħet The Rose Tattoo ta' Tennessee Williams. Matul is-snin ħadet sehem ukoll fuq it-televiżjoni Malti fi produzzjonijiet bħal Santa Monika, Miskin Mike u Salib it-Toroq. Hi ħadmet taħt diretturi kemm Maltin kif ukoll internazzjonali bħal Lino Farrugia, Albert Marshall, Mario Azzopardi, Narcy Calamatta, Charles Stroud, Sean Buhagiar, Mavin Khoo u Artuz Shavez.

## ANDRE MANGION



André Mangion huwa kittieb kif ukoll attur. Beda t-taħriġ tiegħu ġewwa Freespirit Acting u kompla bit-taħriġ fi ħdan it-Teatru Manoel fil-grupp TMYT (Teatru Manoel Youth Theatre). Ħa sehem f'diversi proġetti teatrali kif ukoll fuq it-televiżjoni. Fl-2012 kiteb u irreċta fid-dramm It-Tfajjel ta' fuq il-Bandla, li rebaħ l-ewwel edizzjoni tas- Social Theatre Contest. Huwa rebaħ ukoll il-Premju tal-Kittieb Żagħżugħ fil-Konkors Letteratura għaż-Żagħżagħ u n-novella tiegħu, "Tattoo" ġiet ippublikata fl-2013 minn Horizons. Kiteb wkoll skripts u films qosra għat-televiżjoni, bħal Trasmissjoni Indiretta li kien intagħżel minn One TV biex jiġi mxandar fl-2011. Wara Ħekuba; Mela Hawn Xi Manikomju? ; Teatr-Ejn ; B'Tal-Linja Jaqbillek Żgur; Mikħal; u Adam u Eva fis-sena 2016, Il-Mitt Fehma tal-Kavallier John Giordimaina O.S.C.I, hija l-ewwel produzzjoni għal André din is-sena u l-ewwel produzzjoni fi ħdan Unifaun Theatre Productions. Wara din il-produzzjoni André jibda jaħdem fuq Raymond "Fight" Beck, proġett ġdid li għandu jqarreb id-dinja teatrali mad-dinja tal-boxing.

## MARY ROSE MALLIA

Bħala attriċi, Mary Rose ħadet sehem f'bosta xogħlijiet, kemm fuq il-palk, kif ukoll fuq-it-televiżjoni bħal Filumena Marturano, Baħar Wieħed u Il-Mara tal-Ministru fuq il palk. Għat-televiżjoni kellha partijiet prinċipali fi programmi bħal Ir-Ronnie, Simpatiċi, Il-Madonna taċ-Ċoqqa, Il-Mandraġġara, Saħta fuq Uliedi, Marvin, Nies Bħalna u oħrajn. Mary Rose hija wkoll kantanta magħrufa fejn ħadet sehem f'partijiet prinċipali bħal operetti, fosthom Die Fliedermaus, Orpeus in the Underworld, The Merry Widow, The White Horse Inn, The Land of Smiles u fi musicals bħal The King and I, Sound of Music, The Wiz, Nunsense, Ġensna, Spiru Cefai, Taħt Tliet Saltniet, Żeża tal-Flagship, Karmena Abdilla u oħrajn.



&

Further Stages

present

# Sweeney Todd

The Demon Barber of Fleet Street

School Edition

*Music & Lyrics by* **Stephen Sondheim**
*Book by* **Hugh Wheeler**

DIRECTOR
STEPHEN OLIVER

CHOREOGRAPHER
LEE MCCALLION

MUSICAL DIRECTOR
CATHY LAWLOR

9th April
Teatru Salesjan
at 7:30pm

*Book online on* **ticketline.com.mt**
*for further info call 21419306*
*or 79445030*

Cert 10






T. 7979 3737 / 2124 6619
E. INFO@MASQUERADEMALTA.COM
**MASQUERADEMALTA.COM**
Facebook.com/MasqueradeMalta

GROUP / INDIVIDUAL
TUITION FROM 3 YEARS
TO ADULTS

M SPACE

TRINITY
COLLEGE LONDON

**MASQUERADE**
**SCHOOL FOR THE PERFORMING ARTS**


THE EDEN COMEDY CLUB
THE EDEN COMEDY CLUB PRESENTS
EARL OKIN
A mixture of jazz, bossa nova & comedy!
LIVE
AT THE EDEN CINEMAS
(GIRLS NOT INCLUDED!)
1 NIGHT ONLY!
FRIDAY 7TH APRIL
8:30PM
EDEN CINEMAS
INTERCONTINENTAL
EDEN EVENT CINEMA

# Subscribe to the e-paper







## Subscription options

**1 edition**: €0.80
**3 months**: €15.00 MaltaToday and MaltaToday Midweek
**6 months**: €28.00 MaltaToday and MaltaToday Midweek
**12 months**: €50.00 + FREE BOOK *best value*

Read the **MaltaToday** and **MaltaToday midweek** at 5am on the morning of publication on your Desktop, Tablet or Smartphone

Subscribe now at **www.maltatoday.com.mt/en/epaper**

# TWELFTH NIGHT

WHATS THEIR NAMES

AT THE PUB

WTN?
HHA
AEM
TIE
SRS



JOE AZZOPARDI
NATHAN BRIMMER
BECKY CAMILLERI
JOANNA WILLS
JOSEPH ZAMMIT

DIRECTED BY PHILIP LEONE GANADO

THE PUB - VALLETTA

SHAKESPEARE ON TAP

A FRINGE EXPERIENCE

APRIL 2017

SPONSORED BY

CISK


Tina Rizzo
André Agius
Marylu Coppini
Stephen Oliver
Joe Depasquale
Directed by
Malcolm Galea
she Stoops to Conquer
MADC
Since 1910
The timeless comedy by Oliver Goldsmith
The Salesian Theatre
17/18/19 March 2017
&
Teatru Manoel
23/24/25/26 March 2017
book at www.madc.com.mt or email: bookings@madc.com.mt or SMS 7777 6232

# UPCOMING PRODUCTIONS




## COLLAPSE

**Author:** **Adrian Buckle**
**Director:** **Dave Barton**
**Dates:** **February 2018**
**Venue:** **St James Cavalier**

**Summary:** *Set in a dystopian future under siege, the streets are chaotic and violent, with armed soldiers raping and killing at whim. A young woman named Greta, lives together with her damaged boyfriend Robbie. Robbie is not allowed outside for the sake of his safety. The lovers have created a bullet-proof bubble around themselves, full of stories and fairy tales, oblivious to the trouble outside . . . until Stella comes to visit. Then Greta and Robbie's world is turned upside down.*



## IŻ-ŻEWĠ PRINĊPIJIET

**Awtur: Adrian Buckle**
**Direzzjoni:** **Ray Calleja**
**Dati:** **Novembru 2017**

*Iż-Żewġ Prinċpijiet hi ħrafa għat-tfal, bil-puppazzi, fejn żewġ ġuvintur imorru fuq avventura biex isalvaw prinċipessa minn idejn saħħara kattiva, bil-għan li min isalvaha jkun jista' jiżżewwiġha. Waqt l-avventuri tagħhom jiskopru li hemm affarijiet aktar importanti minn titli u dehbijiet.*




## TEBUT ISFAR

**Kittieba: Clare Azzopardi**
**Reġija: Marcelle Teuma**
**Dati: Ottubru 2018**

**Nota:** *Ġorġ ilu jgħix għomru u żmienu ġo gabuba l-Belt, jagħmel it-twiebet, flimkien ma bintu Yażmina. Issa sar jaf li ċertu Gustav irid jixtri l-proprjeta'. Titfaċċa s-Sinjura Phyllis li trid tebut isfar għal xi ħadd li għadu ma mietx. Ġorġ jitħawwad. X'se jagħmel? U għaliex ma jħalli lil ħadd jidħol fil-kċina?*



## LEAR

**Author:** **Edward Bond**
**Director:** **Lisa Ferlazzo Natoli**
**Dates: April 2018**
**Venue:** **MITP**

**Summary:**
*Lear is an aging king. He is building a wall to protect his country from invaders. But his daughters marry the sons of his enemies and declare war on him and each other. LEAR is a rewriting of Shakespeare's masterpiece, in which playwright Edward Bond was able to foresee the building of walls, Trump, Brexit and the rise of the Alt-Right.*

Eden Super Bowl

THE EDEN COMEDY CLUB

PRESENTS

# HOME GROWN

## Stand up Comedy



COLIN FITZ



MALCOLM GALEA



NICOLA ABELA GARRETT



JOE ZAMMIT

**MALTA'S FINEST STAND UP COMEDIANS**

WWW.EDENSUPERBOWL.COM

**SATURDAY 29TH APRIL. 9PM EDEN SUPERBOWL**

**FREE ENTRANCE!**